u gwejer u għawġ meta bi ftit tar-rieda tajba jista' jevitahom. Imma nżommu ruħna għall-kas tagħna biss. Dana ġara hekk. Jiena, dak id-demonju (*għal DEMONJU*) u l-mara tiegħu—meta konna għadna lkoll niġru fid-dinja—konna tlitt iħbieb mill-aħjar. Veri ħbieb tal-qalb. Ha, żomm il-palju għax issa bridt. U toqgħodx iċċaqlaq dik il-foxxna għax jekk tolqotni ħażin għalik.

LUĊIFRU : (*li jkun ħa l-palju u warrbu*) Din il-foxxna hija s-simbolu tas-setgħa tiegħi.

SANTINU : Imma fuqi m'għandek l-ebda setgħa. Neħħiha minn idejk.

LUĊIFRU : Tajjeb ukoll : kollox kif trid int. Kompli għidli.

SANTINU : Iva. Kont qiegħed ingħidlek, mela, li jien, dak id-demonju u martu konna tlitt iħbieb kbar. Konna mmorru għand xulxin, noħorġu flimkien, niltaqgħu barra... Insomma. Darba waħda dan id-demonju ma nafx x'tah : xi ħadd li jobogħdu daħħallu f'rasu li jien raġel ħażin u nagħmel għan-nisa ta' l-oħrajn; u dan twebbel li jiena qiegħed nagħmel għall-mara tiegħu. Tagħtu rasu u beda jħossa... l-istess kif inhi l-lum! Issa jiena ngħidlek li għalija huwa kien tas-sew l-ikbar ħabib tal-qalb.

LUĊIFRU : B'daqshekk ma jfisser xejn, għaliex hawn ġew għandi miljuni li ħadu s-sudditanza infernali appuntu għax kienu jagħmlu għan-nisa ta' l-oħrajn. U l-biċċa l-kbira ssibhom li dawn kienu kollha l-ikbar ħbieb tal-qalb ta' żewġ il-mara li huma jħobbu. Anzi sewwa sew bis-saħħa tal-ħbiberija kbira mar-raġel jirnexxilhom jagħmlu ħbiberija ikbar mal-mara ta' dak ir-raġel! Jiġifieri għadek ma għedt xejn, anġolettu.

SANTINU : Tħallatx ħaġa ma' l-oħra. Jiena lil Luċifru nafu b'demonju intelliġenti.

LUĊIFRU : Hemm fuq ukoll issibuni b'hekk? X'fama sabiħa!

SANTINU : Ifhimni sewwa. Il-kas li qed issemmi int huwa veru, verissimu; imma kas komuni ferm. Però preċiżament minħabba li dan il-kas huwa tant komuni, il-kas l-ieħor li fih nidħlu jien, dan id-demonju u



martu għalkemm m'huwiex rari però huwa r-riżultat ta' min jaħseb ħażin għaliex huwa ħażin minnu. Nieħdu eżempju. Min jagħmilha miegħek x'tistenna li jkun? Demonju bħalek, naturalment. Issa jien stess li bħalissa qed inkellmek f'darek, jiena demonju wkoll? Le! Jiena anġlu tas-sema. Sieħeb il-kerubini u s-serafini. U min jaħsibni demonju—kif fil-bidu ħsibtni bil-għerf tiegħek kollu anke int—ikun qiegħed jaħseb ħażin. U jkun qiegħed jaħseb ħażin appuntu għaliex ikun ħażin hu!...

LUĊIFRU : Għalija qed tgħid?......

(*Jissokta*)

---

## ĠIRJA

### *Ta'* ĠUŻI ABELA

Ja ħelwa ħabiba, sejjaħli,
Tajjarni mid-dinja tad-dmugħ,
Il-ġirja bla serħa ġerrini
Bla nagħtxu, bla nbatu xi ġuħ.

Għax hu minnu li tisqi u titma,
Imma xorbha w ikilha ma jtulx,
Lanqas jaħji u jżommna qawwija,
U kull deni minn qribna ma jżulx.

Mela niġru, ħabiba, f'ġirjitna,
U nitbiegħdu mid-dinja bla dwiem;
Inti tħobbni w inħobbok, ninħabbu,
Ngħixu f'saltna għal dejjem ta' sliem.

23. 1. 48.